# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu 2022**

**Talba Nru: 298/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Albert Borg Cardona (K.I. 109577(M))**

**Vs**

**Charichelon Company Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-24 ta' Novembru 2020, tramite liema l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tirrifondi u tħallas l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) rappreżentanti depożitu mħallas għal btala u dan kif aħjar deskritt fl-istess Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittra legali u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess. Irid jingħad lid-dokument imsemmi fl-Avviż ma ġiex anness kif erronjament imniżżel.

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta[2] tramite liema laqgħet għall-azzjoni attriċi billi eċċepiet *inter alia* li kien l-attur stess li kien talab li l-prenotazzjoni inizjali tiġi posposta għal-data oħra u li skond il-ftehim dan id-depożitu ma jistax jitħallas lura;

Sema' x-xhieda tal-attur u ta' Bjorn Vassallo[3];

Ra n-nota kontenenti dokumenti ppreżentata mill-attur[4];

Ra l-affidavit ta' Colin Aquilina, rappreżentant tas-soċjetá konvenuta[5];

Sema' x-xhieda magħmula in kontro-eżami tal-istess Colin Aquilina[6];

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tad-difensuri tal-kontendenti, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif ordnat[7];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

---

[2] A fol 6 *et seq* tal-proċess.
[3] Magħmula fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021.
[4] Nota relattiva tinsab a fol 30 tal-proċess.
[5] Ippreżentat permezz ta' nota li tinsab a fol 38 tal-proċess.
[6] Magħmula fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2021.
[7] Din tibda a fol 64 tal-proċess.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur Albert Borg Cardona[8]. Spjega li f'Novembru 2019 kien beta komunikazzjoni ba' Rocs Travel dwar btala ġewwa Disney Land għalih u għat-tfal tiegħu. Huwa kien ibbukkja u fi Frar 2020 għadda pagament ta' tlett elef Ewro (€3,000) bħala depożitu. Lejn April 2020 saqsa jekk setax jipposponi dan il-vjaġġ minħabba l-pandemija. Jgħid huwa li huwa kien ġie infurmat li seta jikkanċella l-btala u jipposponi għal data fil-futur. Huwa aċċetta li jagħmel hekk. Jgħid li l-biljetti għal Disney World xtrahom direttament mingħand Disney u mhux Rocs. Disney offrew rifużjoni u fil-fatt huwa rċieva lura ammont ta' elf u erba mitt Ewro (€1,400).

Illi fl-istess seduta seħħ il-kontro-eżami tal-attur[9]. Hawn jikkonferma li oriġinarjament, impjegat ta' ROCS Travel kien qallu li l-btala tista tiġi kanċellata u li l-attur kellu jerġa' jagħmel kuntatt f'Ottubru tas-sena 2020 sabiex jerġa' jsir *booking* ieħor. Jgħid (għalkhemm m'huwiex ċar fix-xhieda tiegħu) li f'xi ħin sussegwenti huwa talab rifużjoni, iżda s-soċjetá konvenuta m'aċċettatx.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Bjorn Vassallo[10]. Spjega li huwa jaħdem bħala *Travel Manager* ma' Rocs Travel. Dwar dan il-każ spjega li kien hu li ħadem il-pakkett tal-attur. Jiftakar li d-depożitu sar b'żewġ pagamenti. F'April tas-sena 2020 l-attur kien staqsa x'seta jagħmel bil-prenotament tiegħu, u s-Sur Vassallo kien għamel kuntatt kemm mal-kumpannija tal-ajru Turkish Airlines u mas-*suppliers*. Dakinhar infurmah li seta' jipposponi b'dati *open ended* għas-sena sussegwenti. Lejn Mejju 2020, huwa kkonferma li l-*policy* ta' Turkish Airlines kienet inbiddlet u li l-attur seta jsiefer sal-aħħar tas-sena 2021. Spjega li ma kienx

[8] Xhieda relattiva tibda a fol 15 *et seq* tal-proċess.
[9] Xhieda relattiva tibda *a tergo* ta' fol 18 tal-proċess.
[10] Xhieda relattiva tibda a fol 32 *et seq* tal-proċess.

hemm possibilitá ta' rifużjoni minħabba li d-dati kienu *open ended*. Jgħid li d-deżpożitu ġenera;ment m'huwiex rifondibbli għaliex ikun intuża sabiex jitħallasu diversi aspetti tal-pakkett.

Illi in kontro-eżami, magħmul fl-istess seduta, s-Sur Vassallo ikkonferma li f'Mejju 2020, l-attur kien talab li l-btala tiġi kkonfermata għall-istess dati orġinarjament prenotati iżda għas-sena 2021. Wara dik l-istruzzjoni, huwa kkonferma mad-ditta tal-ajru u sar jaf li kien kmieni wisq sabiex jiġu indikati dati preċiżi, għalhekk baqgħu *open ended*. F'Lulju imbgħad irċieva talba għar-rifżujoni u wara li kkonferma ma' Turkish Airlines instab li dan ma kienx possibli. Ġiet eżebita dokumentazzjoni li tinkludi wkoll korrispondenza elettronika.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Colin Aquilina permezz t'affidavit[11]. Spjega li huwa l-Kap Uffiċjal Eżekuttiv tas-soċjetá konvenuta. Inizjalment, l-attur kien mar l-uffiċini fi Frar 2020 iżda dakinhar m'għamilx prenotazzjoni għalkemm ingħata stima. Fil-21 ta' Frar 2020 saret il-prenotazzjoni. Fl-14 ta' April 2020 talab jekk kienx possibli li l-prenotament jiġi ppospost u ġie infurmat li l-biljetti setgħu jiġi posposti sal-aħħar ta' Frar 2021. Fis-26 ta' Mejju 2020, instab li l-*policy* tal-kumpannija tal-ajru kienet inbidlet u li l-biljetti setgħu jintużaw sa' Diċembru 2021. Dakinhar stess l-attur talab li l-vjaġġ isir bejn it-28 ta' Awwissu u t-8 ta' Settembru 2021. Kien ġie infurmat li t-titijiriet ma jinfetħux qabel disgħa jew għaxar xhur izda l-biljetti inżammu *on hold* għall-attur. Fil-31 ta' Lulju 2020 talab rifużjoni tad-depożitu għaliex ma xtaqx imur aktar. Is-soċjetá konvenuta ikkonfermat mal-kumpannija tal-ajru u ġiet informata li dan ma kienx possibli. Jikkonferma li l-attur jista' (l-affidavit ġie ppreżentat fit-23 ta' Settembru 2021) jsiefer fi kwalunkwe żmien fis-sena 2021. Ġiet eżebita dokumentazzjoni relattiva.

[11] Nota kontenenti l-affidavit relattiv tinsab a fol 38 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami[12], spjega li huma jaħdmu bħala aġenti għan-nom ta' xi *suppliers*. Dwar il-polza ta' kanċellament jgħid li din tinbidel skond il-kumpanijja tal-ajru. Kull titjira ikollha t-termini tagħha. Fil-fatt, f'dan il-każ, il-polza ta' Turkish Airline inbidlet. Jikkonferma li r-relazzjoni tal-attur kienet ma ROCS, iżda ROCS kienet qiegħda taġixxi t'aġent għal Turkish Airlines. Jikkonferma b'enfażi li l-attur jista jmur fuq il-btala fis-sena 2021.

Illi magħmul dan ir-riassunt, jeħtieġ li jiġi mfakkar li kuntratti magħmula liberalment għandhom saħħa ta' liġi bejniethom[13]. Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jinsab kodifikat[14]. Huwa bil-wisq naturali li sabiex tirnexxi l-azzjoni tal-attur, dan tal-aħħar irid juri, b'mod konvinċenti li s-soċjetá konvenuta naqset b'xi mod minn dak pattwit minnha. Jiġi mistqarr minn issa li dan ma seħħx.

Illi kif jaraha dan it-Tribunal, l-attur kien possibbilment ikollu raġun kemm f'dak li huwa dritt ġenerali u b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-liġi tal-konsumatur[15] jekk huwa nieda dawn il-proċeduri qabel ma hu stess għażel u kkonferma l-posponiment tal-btala[16]. Hemmhekk, possibbilment dan it-Tribunal kien jinvesti aktar f'aspetti oħra li setgħu ikunu t'għajnuna għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza[17]. Madanakollu, l-attur beda din l-azzjoni wara li hu stess kien għażel triq oħra, minn flok insista u talab rifużjoni tad-depożitu fil-ħin li kien ċar li l-btala tas-sena 2020 ma setgħetx issir, għażel l-istess pakkett oriġinarjament

---

[12] Xhieda relattiva tibda a fol 60 tal-proċess.
[13] Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[14] Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[15] Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Dan m'huwiex każ fejn parti b'mod unilaterali immodifikat il-kontenut ta' xi kuntratt.
[17] Kienu jkunu possibbilment utli l-osservazzjonijiet magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Camilleri et vs Touring Mediterraneo Ltd,** (App Ċiv Nru: 240/2008/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is- 6 ta' Ottubru 2010 jew dawk magħmula fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Mark Bajada et vs Fantasy Tours Limited et**, (Talba Nru: 778/2006) mogħtija minn dan it-Tribunal fis-26 ta' Ġunju 2007.

maqbul, iżda għas-sena 2021[18]. Ġialadarba għamel hekk, allura ma jistax issa, permezz ta' din l-azzjoni jagħżel triq oħra. Jiġi ribadit li *electa una via non datur recursus ad alteram*[19].

Illi wkoll, għalkemm l-attur m'huwiex qiegħed jissenjala xi klawżola nġusta[20] fil-kuntratt relattiv, dan it-Tribunal ma rriskontrax termini nġusti fit-*terms and conditions* tal-istess kuntratt[21].

Illi finalment irid jingħad li lanqas id-diskrezzjoni ekwitattiva li tanima dan it-Tribunal[22] ma tista tkun ta' suffraġju għal-attur. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[23]. Min-naħa l-oħra mbgħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċitá f'dak li huwa ġudizzju[24]. Madanakollu, l-attur kien jeħtieġlu juri li s-soċjetá konvenuta ma

[18] Il-korrispondenza elettronika tiegħu tas-26 ta' Mejju 2020 ma tħalli l-ebda dubju fuq l-intenzjoni u l-għażla libera, nkundizzjonata tal-attur.

[19] In vena ġurisprudenzjali, wieħed huwa mistieden jara dak enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello et**, (Ċit Nru: 744/1998/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 u **Tereza mart Joseph Farrugia et vs Giuseppe Camilleri**, (App Ċiv Nru: 722/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Marzu 2004.

[20] Artikolu 44 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

[21] Huwa aċċettat, li tali eżaminazzjoni huwa obbligu fuq min hu tenut jiġġudika anke jekk l-ebda parti ma tqajjimx dan il-fattur. F'dan is-sens, utli li ssir referenza għal dak li nqtal u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Janez Klobcar vs Goldcar Spain S.L. et,** (Nru tal-Kawża 1/2017) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) taħt il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar) nhar il-5 ta' Novembru 2020.

[22] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Marika Caruana vs Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja,** mogħtija minn dan it-Tribunal nhar id-19 ta' Diċembru 2002. Għalkhemm dik id-deċiżjoni ġie revokata fl-istadju tal-appell (fuq kwistjoni ta' kompetenza), r-riassunt akkademiku fuq il-materja tal-ekwitá għandu jibqa jkollu qiegħed jerġa jingħata applikazzjoni.

[23] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

[24] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assoċjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

kinitx jew m'hijiex f'qagħda li tonora l-obbligi assunti minnha. Anzi, mill-provi prodotti irriżulta l-kontra[25] u li l-attur setá faċilment (jekk mhux għar-raġunijiet oħra[26]) jonora l-posponiment offrut u aċċettat minnu.

Illi b'mod konkludorju għalhekk, kien jinkombi fuq l-attur jissostanzja dak allegat minnu, u ċioé li s-soċjetá konvenuta ma setgħetx tonora l-ftehim maqbul jew li hija naqset b'xi mod[27]. Wara kollox, huwa stess jabbina din il-premessa mal-azzjoni tiegħu. Mill-provi prodotti minnu, ċioé verżjoni unika tiegħu li lanqas twassal għal-konvinċiment tat-teżi tiegħu għaliex hija ribattuta sew mill-provi tas-soċjetá konvenuta, dan it-Tribunal m'huwiex konvint li dak adebitat lis-soċjetá konvenuta huwa minnu. L-għażla li ma jutilizzax it-tieni btala kienet tiegħu biss u għal raġunijiet mgħarrfa biss minnu[28] u li baqgħu mistura tul il-perjodu tal-ġbir tal-provi ta' din il-kawża.

Illi m'huwiex fl-obbligu tat-Tribunal jittanta jifhem hu l-għala l-attur ħa din id-deċiżjoni ġialadarba ma ġiex offrut lilu raġunament siewi.

---

[25] Irriżulta li l-attur kellu l-għażla li jsiefer matul is-sena 2021 kollha.

[26] Irid jingħad li dak li ntqal mid-difensur tal-attur fit-trattazzjon orali, u ċioé li l-attur fis-sena 2021 ma setax imur l-Amerika minħabba xi kwistjonijiet relatati ma impediment ta' safar mar-riżultax mill-atti. Tassew, m'huwiex ġust li jsiru tali asserzjonijiet f'trattazzjoni tal-egħluq meta mhux sostanzjati. Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Cristina pro et noe vs Eleonora Mizzi,** (App Ċiv Nru: 321/1985/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2003, a para 8, intqal hekk: *"Din il-Qorti, wara li ezaminat l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet – presumibbilment dik tal-kovenut a fol 126-135, tal-process – hija tal-fehma li argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procuderali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghallkontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'."*

[27] L-obbligu ta' prova ta' fatt imiss lil min jallegaħ kif irid l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[28] B'analoġija, wieħed huwa mistieden jara r-raġunament mogħti minn dan it-Tribunal (diversament presedut) fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Agency Ltd et vs Bargain Holidays Limited,** (Tlb Nru: 113/2003) mogħtija nhar il-11 ta' Ottubru 2004.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá konvenuta, jiċħad it-talba tal-attur.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-attur.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur